MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 92/2007/1

**Nazzareno u Pauline konjuġi Xuereb**

**v.**

**Angelo Cauchi**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-atturi Nazzareno u Pauline konjuġi Xuereb, mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, nhar it-2 ta' Ottubru 2013, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti sabiex tirrevoka s-sentenza msemmija, u dan billi takkolji t-talbiet kollha tagħhom. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

"Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi ir-rikorrenti huma l-proprjetarji ta' biċċa raba msejħa bħala "Ta' Nawrata", li tinsab fil-limiti tal-Għarl ta' ċirka ħamest elef sitt mija u wieħed u tletin metru kwadru (5631 m.k.) jew kejl verjuri u konfinanti mill-punent ma' beni ta', John Portelli u Yucar Vella, lvant ma beni tal-intimat Angelo Cauchi, parti mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Debrincat, liema raba qed hawn tiġi delinjata bil-kulur aħmar fuq site-plan tal-MEPA, liema site-plan qed tiġi annessa u mmarkata bħala "Dokument 'A';

"Illi riċentament, l-intimat bil-ħsieb li jeżerċita xi dritt li huwa għandhu fuq din ir-raba hawn fuq imsemmija u deskritta, ikkometta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti u dana billi klandestinamnet u kontra l-volonta' tal-istess rikorrenti għalaq u mblokka permezz ta' kantuni il-mogħdija li minha r-rikorrenti kienu jgħaddu għal din il-biċċa għalqa tagħhom msejġa "Ta' Nawrata" hawn fuq deskritta, li qiegħda fil-limiti

tal-Għarb, Għawdex u b'tali mod u manjiera li għalaq dan l-aċċess għal din l-għalqa tagħhom.

"Illi l-istess intimat għalkemm ġie interpellat anki uffiċjalment sabiex jispurga dana l-ispoll vjolenti minnhu kommess, dana baqa' inadempjenti.

"Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. "Tiddikjara illi l-intimat ikkometta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tagħhom meta huwa rinċentament qabad u klandestinament, mingħajr il-kunsens tal-atturi , u bi vjolenza qabad u daħal fil-porzjon raba hawn fuq imsemmija msejjħa "Ta' Nawrata" għalaq u mblokka permezz ta' kantuni il-mogħdija li minnha r-rikorrenti kienu jgħaddu għal din il-biċċa għalqa tagħhom msejħa hawn fuq deskritta, li qiegħda fil-limiti tal-Għarb, Għawdex u b'tali mod u manjiera li għalaq dan l-aċċess għal din l-għalqa tagħhom;

2. "Tikkundanna lill-istess intimat sabiex fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi lilhu prefiss min dina l-Onorabbli Qorti jispurga l-ispoll vjolenti u klandestin minnhu kommess billi jerġa' jpoġġi kollox fl-istat prestinu tiegħu u dana għas-spejjeż tal-istess intimat u, okkorrendo, taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi nominat għal istess fini;

3. "F'każ li mhuwiex possibli r-reintegrazzjoni kompleta tal-ispoll kommess mill-intimat, li l-istess intimat jiġi kkundannat li jħallas somma flus in lineja ta' ħsarat li soffrew ir-rikorrenti minħabba l-spoll vjolenti kommess mill-istess intimat, liema somma tiġi għalhekk likwidata, okkorrendo, permezz ta' perit li jiġi għalhekk nominat għal istess fini;

"Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-erbgħa (4) ta' Settembru 2007 fl-istess ismijiet u bl-inġunzjoni tal-istess intimat għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek.

"Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut li eċċepixxa:

1. "Illi l-allegazzjoni tal-atturi li huma għandhom xi dritt li jgħaddu minn fuq l-art tal-konvenut u li dan ikkommetta xi spoll meta mblokka permezz ta' kantuni il-mogħdija li minnhom kienu jgħaddu hija għall-kollox bla ebda bazi legali jew fattwali;

2. "Illi l-atturi qatt ma kellhom ebda dritt li jgħaddu għar-raba tagħhom magħrufa bħala "Ta' Nawrat" minn fuq l-art tal-konvenut u jekk dawn qatt għaddew minn fuq din l-art dan għamluh klandestinamnet. Il-mogħdija għar-raba ta' l-atturi hija minn Triq Dun Alwiġ Mizzi.

3. “Illi l-konvenut ma imblokka ebda passaġġ jew mogħdija bil-kantuni li jagħti għar-raba tal-atturi sempliċement għaliex dan il-passaġġ jew mogħdija ma tesistix. Fil-fatt l-art tal-atturi hija xi tmien piedi taħt il-livell tal-art tal-konvenut u din tinsab ħajt ta’ dak l-għoli;

4. “Illi reċentement is-soċjeta “Karkanja Ltd” bdiet xogħol ta’ kostruzzjoni f’biċċa art li tmiss ma dik tal-atturi u fetaħ speċi ta’ triq minn Triq Dun Alwiġ Mizzi li waslet sa l-art tal-konvenut u l-atturi bdew jippretendu li jgħaddu minn fuq l-art tal-konvenut għal art tagħhom mit-triq li fetħet l-imsemmija soċjeta pero’ l-konvenut dejjem rripella kwalunkwe attentat tal-atturi biex jgħaddu minn fuq l-art tiegħu;

5. “Illi l-ewwel darba li l-konvenut sar jaf bil-pretensjoni tal-atturi kien meta irċeva ittra interpellatorja mingħandhom bid-data tat-30 ta’ Jannar 2006 meta ppretendew li ostakolalhom il-passaġġ. Il-konvenut rrisponda għal din l-ittra b’ittra tad-9 ta’ Frar 2006 fejn informhom li l-art tagħhom ma għandha ebda dritt fuq l-art tiegħu la ta’ passaġġ u lanqas ta’ ebda xorta. Fil- (sic) ta’ Ottubru l-konvenut bagħat ittra uffiċċjali lill-attur li biha ddiffidah milli jgħaddi minn fuq l-art tiegħu.

6. “Illi fl-4 ta’ settembru 2007 waqt li l-konvenut kien fil-proprjeta tiegħu ġie l-attur flimkien ma P.C. 603u dawn daħlu fl-art tiegħu nonostanti l-fatt li dan wissihom biex ma jidħlux u reġgħu ħargu. Il-konvenut għamel rapport kontra l-konvenut u kontra P.C. 603 għal vjolazzjoni tal-proprjeta.

7. “Illi wara dan l-inċident l-konvenut irċieva ittra uffiċjali bid-data tal-4 ta’ Settembru 2007 mingħand l-atturi li biha interpellawh biex jisporġa l-ispoll li ippretendew li dan ikkommetta kontra tagħhom li għaliha l-konvenut rrisponda b’ittra uffiċċjali oħra tal- (sic) ta’ Settembru 2007 fejn rrespinġa l-allegazzjonijiet tagħhom u reġa ddiffidhom milli jgħaddu minn fuq l-art tiegħu.

“Għaldaqstant l-esponenti fil-waqt li jeċċepixxi li l-atturi ma għandhom ebda dritt ta’passaġġ li jgħaddu minn fuq l-art tiegħu u għalhekk lanqas jistgħu jippretendu b’ebda mod li kellhom il-pussess ta’ dan id-dritt ta’ mgħodija peress illi dan id-dritt jista jirrisulta biss minn att pubbliku u għalhekk jonqos l-element tal-puess (sic) li tirrikiedi l-azzjoni ta’ spoll;

U illi apparti l-kwistjoni legali anki bħala fatt il-konvenut ma kkommetta ebda spoll għad-dannu tal-atturi għax ma għalaq ebda passaġġ;

“Illi għalhekk d-domandi attriċi għandhom jiġu riġettati bl-ispejjes kontra atturi.

“Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’ Mejju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

"Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Ikkunsidrat:

"Illi din hija kawża ta' spoll. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

> *"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*
>
> *L-art.572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili,li jikkontempla din l-azzjoni,huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh ,ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs.Fischt,Volum XIII, P.1,pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art.794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943,in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar";Vol.XXI.II.83 P'Awla Ċivili,20 ta' April 1916,in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917;Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899,in re Decarcano vs. Cafici,Foro Catanese Vol.1889,paġna 124;u dan biex ingħataw xi sentenzi);….."*.[1]

"Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) "li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) "li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) "li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*)."

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit:Prim'Awla:12.4.1958 vol.XLII..II.975

> "*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*." [2]

"Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux dawn it-tliet elementi fil-każ in eżami. Mill-provi rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw mill-fatt li l-konvenut għamel xi kantuni fuq il-ħjat diviżorju li jifred l-għelieqi rispettivi, b'tali mod li huma ma setgħux jibqgħu jutilizaw passaġġ bir-riġel li jostnu li kellhom minn fuq dan il-ħajt biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom. Infatti l-provi kollha minnhom imressqa jikkonċentraw fuq dan il-fatt u fuq l-allegazzjoni li huma kienu jgħaddu minn fuq dan il-ħajt biex jidħlu fl-għalqa tagħhom retrostanti dik tal-konvenut.[3]

"Madankollu fl-ewwel talba tagħhom f'din il-kawża l-atturi jitolbu lil din il-Qorti: "*tiddikjara illi l-intimat ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tagħhom meta huwa, riċentement qabad u klandestinament, mingħajr il-kunsens tal-atturi, u bi vjolenza* ***qabad u daħal fil-porzjon raba hawn fuq imsemmija msejjħa 'ta' Nawrata'*** *għalaq u mblokka permezz ta' kantun il-mogħdija li minnha r-rikorrenti kienu jgħaddu għal din il-biċċa għalqa tagħhom msejħa hawn fuq deskritta, li qegħda fil-limiti tal-Għarb, Għawdex u b'tali mod u manjiera li għalaq dan l-aċċess għal din l-għalqa tagħhom*."

"Dan ma jistax ifisser ħlief illi sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' din it-talba ikun irid jiġi ppruvat illi l-allegat spoll ġie kommess billi l-konvenut daħal fl-għalqa deskritta f'dan ir-Rikors ġuramentat, poġġa l-kantuni fuq il-ħajt imsemmi u b'hekk imblokka l-aċċess li l-atturi jgħidu li kellhom minn fuq dan il-ħajt. Imma mill-provi prodotti ma jirriżultax li biex tqegħdu dawn il-kantuni l-konvenut attwalment daħal fl-għalqa tal-atturi. Infatti fl-affidavit tiegħu stess l-attur spjega l-allegat spoll bil-mod segwenti:

> "*Fl-4 ta' Settembru 2007, il-konvenut fuq il-passaġġ tal-kantuni l-antiki poġġa ċirca tlieta jew erbgħa kantuni fuq xulxin tul il-passaġġ b'tali mod u manjiera illi għalaq u mblokka permezz ta' dawn il-kantuni u anke terrapien din il-mogħdija li minnha aħna konna ngħaddu għar-raba tagħna, kif spjegat hawn fuq. B'hekk aħna ma stajniex aktar ngħaddu minn dan il-passaġġ għar-raba tagħna…*" [4] Imkien ma jsemmi li, biex għamel dan ix-xogħol, il-konvenut daħal fil-għalqa tiegħu, b'mod klandestin, kif sadanittant qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara.

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia;Appell Civ.7.3.1958 – vol.XLII.I.86
[3] Ara pjanta Dok.A annessa mar-Rikors guramentat a fol.5 tal-process
[4] Ara affidavit tieghu a fol.69 -70 tal-process

> “Għalhekk l-att spoljatttiv, wieħed mill-elementi meħtieġa f’kawża bħal din, f’tali ċirkostanzi żgur li ma ġiex ippruvat, u konsegwentement ikun inutili li jiġi eżaminat jekk jikkonkorrux iż-żewġ elementi l-oħra.
>
> “Għal dawn il-motivi, peress li jonqos ta’ l-inqas wieħed mill-elementi meħtieġa f’kawża ta’ spoll, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi.”

**Rikors tal-appell tal-atturi Nazzareno u Pauline konjuġi Xuereb:**

**3.** L-atturi ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

**4.** Huma jilmentaw illi l-ewwel qorti ffokat fuq l-espressjoni kontenuta fl-ewwel talba: “*qabad u daħal fil-porzjoni raba hawn fuq imsemmija msejħa “Ta’ Nawrata*” meta l-punt ċentrali tal-att spoljattiv ma kienx dak iżda l-fatt tal-għeluq u mblokkar tal-mogħdija bil-kantuni.

**5.** Huma jispjegaw li kemm huma kif ukoll il-konvenut kienu jippossjedu, kull wieħed minnhom, għalqa fit-territorju “ta’ Nawrata”, u li l-għalqa tagħhom hija tmin filati ‘il isfel minn tal-konvenut. Jgħidu li wara li jgħaddu mill-isqaq, il-ħajt diviżjorju bejn l-għelieqi tagħhom (wiesgħa żewġ piedi u nofs) kien iservi bħala passaġġ għalihom, u dan għaliex huma kienu jirfsu fuq ġebla kbira li tinsab fit-tarf tiegħu, imbagħad jinżlu minn speċi ta’ rampa u jaċċedu għall-għalqa tagħhom. Għalhekk isostnu li bil-fatt li l-konvenut żied żewġ filati oħra bil-kantun u matul it-tul kollu tiegħu, huwa ġie li impedixxihom milli jkomplu

jagħmlu użu mill-mogħdija kostitwita minn dak il-ħajt. In oltre jgħidu li wara li infetħet il-kawża l-konvenut għamel xatba tal-ħadid fit-tarf tal-isqaq.

**6.** Jaċċennaw ukoll għall-fatt li l-konvenut mhux biss ammetta in kontro-eżami li kien hu li żied iż-żewġ filati, iżda wkoll li kien jaf li huma (l-atturi) kienu jużaw il-ħajt bħala mogħdija u li bil-bini tal-ħajt dan ma baqax iktar possibbli.

**7.** Iżidu jgħidu li biex bena ż-żewġ filati fuq il-ħajt eżistenti, il-konvenut dan seta' jagħmlu liberament mill-għalqa tiegħu, kif fil-fatt hekk għamel, anke għaliex is-sitwazzjoni taż-żewġ għelieqi, bid-diżlivell aċċennat, ma kinitx konduċenti illi ż-żieda fl-għoli ssir mill-għalqa tal-atturi meta din kienet iktar baxxa minn tal-attur.[5] Huma jargumentaw illi l-kummissjoni tal-ispoll li kien qiegħed jiġi imputat lill-konvenut kellu rabta sfiqa mal-għeluq u mblokkar permezz ta' kantuni tal-mogħdija.

__**Risposta tal-appell tal-konvenut Angelo Cauchi:**__

**8.** Il-konvenut wieġeb biex jgħid li s-sentenza hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

**9.** Huwa jsostni li din l-azzjoni saret mill-atturi sabiex iżommuh mix-xogħol ta' kostruzzjoni li kien qed jagħmel.

**10.** Huwa jgħid li mhux biss ma ġiex pruvat l-att spoljattiv allegat mill-atturi

[5] Aktarx li riedu jgħidu "konvenut" mhux "attur".

appellanti fiċ-ċitazzjoni tagħhom, imma ġie ppruvat il-kontrarju. Inoltre jgħid li lanqas ma ġew pruvati ż-żewġ elementi l-oħra.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:**

*Il-premessi tal-atturi:*

**11.** L-atturi appellanti fir-rikors ġuramentat tagħhom ippremettew li huma proprjetarji ta' biċċa raba' msejħa "Ta' Nawrata" fil-limiti tal-Għarb, Għawdex, bil-kejl ta' ċirka 5631 metri kwadri, kif indikata bil-kulur aħmar fuq is-*site plan* tal-MEPA esebita a fol 5 u mmarkata Dok A. Żiedu jgħidu li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tagħhom billi klandestinament u kontra l-volonta` tagħhom għalaq u imblokka permezz ta' kantuni l-mogħdija li minnha huma kienu jgħaddu għal din il-biċċa raba, b'mod li għalqilhom l-aċċess għall-għalqa tagħhom.

**12.** Għalhekk skont il-premessi tagħhom, l-ispoll jikkonsisti fil-fatt tat-tqegħid tal-kantuni li permezz tagħhom ġie imblokkat l-aċċess li kellhom għall-għalqa tagħhom.

*L-ewwel talba tal-atturi:*

**13.** L-ewwel talba tal-atturi taqra hekk: "*Tiddikjara illi l-intimat ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tagħhom meta huwa, riċentement u klandestinament, mingħajr il-kunsens tal-atturi, u bi vjolenza, qabad u daħal fil-porzjoni raba hawn fuq imsemmija msejħa "ta' Nawrata" għalaq u imblokka permezz ta' kantuni il-mogħdija li minnha r-rikorrenti kienu jgħaddu għal din il-biċċa għalqa tagħhom imsejħa* (sic) *hawn fuq deskritta li qegħda fil-limit tal-Għarb, Għawdex, u b'tali mod u manjiera li għalaq dan l-aċċess għal din l-għalqa tagħhom*." (sottolinejar ta' din il-qorti)

**14.** Kif wieħed jista' jara, l-ewwel talba tmur oltre dak premess minnhom, in kwantu fiha qegħdin jitolbu li jiġi dikjarat li ġie kommess spoll fil-konfront tagħhom meta l-konvenut klandestinament u mingħajr il-kunsens tagħhom "qabad u daħal" fir-raba tagħhom għalkemm minnufih iżidu li "għalaq u imblokka" l-mogħdija li kienu jaċċedu minnħa għar-raba tagħhom permezz tat-tqegħid ta' kantuni.

*Kif l-ewwel qorti iddisponiet mill-kawża:*

**15.** L-ewwel qorti spjegat li l-provi kollha mressqa mill-atturi jikkonċentraw fuq il-fatt li l-konvenut għamel xi kantuni fuq il-ħajt diviżorju li jifred l-għelieqi tal-kontendenti b' mod li ma setgħux jibqgħu jutilizzaw il-passaġġ bir-riġel li jsostnu li kellhom minn fuq dan il-ħajt biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom. Aċċennat għall-fatt li madanakollu l-atturi fl-ewwel talba tagħhom qegħdin

jitolbu li jiġi dikjarat li l-ispoll fil-konfront tagħhom jikkonsisti fli l-konvenut daħal fl-għalqa kif deskritta fl-għalqa "ta' Nawrata" (li qalu li hija tagħhom), għalaq bil-kantuni l-mogħdija li minnha kienu jgħaddu għall-għalqa tagħhom u b'tali mod li għalqilhom u mblokkalhom l-aċċess li kellhom għall-istess għalqa.

**16.** Hija rriteniet li "*Dan ma jistax ifisser ħlief illi sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' din it-talba ikun irid jiġi ppruvat illi l-allegat spoll ġie kommess billi l-konvenut daħal fl-għalqa deskritta f'dan ir-rikors ġuramentat, poġġa l-kantuni fuq il-ħajt imsemmi, u b'hekk imblokka l-aċċess li l-atturi jgħidu li kellhom minn fuq dan il-ħajt. Imma mill-provi prodotti ma jirriżulta li biex tqegħdu dawn il-kantuni l-konvenut attwalment daħal fl-għalqa tal-atturi*." Spjegat li fl-affidavit tiegħu, l-istess attur, minkejja li xehed fuq kif il-kantuni li qiegħed il-konvenut imblokkawlhom l-aċċess għall-għalqa tagħhom, imkien ma jsemmi li biex għamel dan, il-konvenut daħal fl-għalqa tagħhom, kif qed jitlob li jiġi dikjarat mill-qorti.

**17.** In vista tal-mod kif ġiet redatta l-ewwel talba mill-atturi, fejn intalbet dikjarazzjoni li l-konvenut kien qabad u daħal fl-għalqa tagħhom u għalaq u imblokka b'kantuni l-mogħdija li kienu jgħaddu minnha biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom, u in vista tal-fatt li ma tressqux provi fir-rigward tal-allegat dħul mill-konvenut fl-għalqa tal-atturi, l-ewwel qorti kkonkludiet li l-ispoll ma ġiex pruvat. Konsegwentement ikkonkludiet li l-i*spoliatum fuisse* ma ġiex ippruvat u f'tali ċirkostanzi qieset li jkun inutili li jiġi eżaminat jekk jikkonkorrux

iż-żewġ elementi l-oħra (il-*possedisse* u l-*entre bimestre deduxisse*). Hija għalhekk ċaħdet it-talbiet kollha.

**18.** Din il-qorti ma taqbilx mal-mod kif irraġunat u ddeċidiet l-ewwel qorti. Anke jekk l-atturi ma ressqux provi biex jissostanzjaw dik il-parti tal-ewwel talba tagħhom, fejn qed jitolbu li jiġi dikjarat li l-konvenut daħal fl-għalqa tagħhom, il-punt ċentrali tal-allegat att spoljattiv kien it-tqegħid tal-kantuni fuq il-ħajt u l-konsegwenti imblokkar tal-mogħdija użata minnhom, li minnha kienu jaċċedu għall-għalqa tagħhom, u mhux minn fejn kien għadda l-konvenut biex jagħmel dan. Fil-fatt ir-ripristinazzjoni mitluba tikkonsisti f'li kollox jerġa' jitqiegħed fl-istat pristinu tiegħu; din hija riferenza ċara għat-tneħħija tal-kantuni.

**19.** Fil-fehma ta' din il-qorti, l-ewwel qorti, għalkemm indotta tagħmel hekk bil-mod kif ġie redatt ir-rikors ġuramentat tal-appellanti (u dan jittieħed in kunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, għall-finijiet tal-ispejjeż tal-kawża), kienet formalista żżejjed fil-mod kif interpretat il-vertenza ta' bejn il-partijiet u kellha biżżejjed sabiex tikkonkludi li l-ispoll allegat kien sostanzjalment jikkonsisti filli l-konvenut għalaq u imblokka permezz tat-tqegħid ta' kantuni l-mogħdija li kienu jaċċedu minnha għar-raba tagħhom.

**20.** Il-fatt li l-atturi, kif ikkummentat l-ewwel Qorti, kienu kkonċentraw il-provi tagħhom fuq l-allegazzjoni tagħhom dwar it-tqegħid tal-kantuni fuq il-ħajt

diviżorju u fuq l-allegazzjoni li huma (l-atturi) kienu jgħaddu minn fuq il-ħajt biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom jissostanzja l-premess.

**21.** Dak li kellu jsir, għalhekk, kien li jiġu eżaminati bir-reqqa l-provi sabiex jiġi stabbilit jekk minnhom jirriżultax li:

(i) l-atturi kienu jgħaddu minn fuq il-ħajt biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom (*pussess*);

(ii) l-konvenut għalaq u imblokka l-mogħdija li minnha kienu jaċċedu l-atturi permezz ta' kantuni (*spoliatum fuisse*); u

(iii) l-kawża infetħet mhux iktar minn xahrejn minn meta tqegħdu l-kantuni (*infra bimestre deduxisse*).

**22.** F'każ li xi wieħed minn dawn it-tlett rekwiżiti ma jirriżultax, l-azzjoni tfalli; iżda f'każ li dawn it-tlett rekwiżiti jirriżultaw, anke jekk ma jirriżultax ukoll li biex sar l-att spoljattiv il-konvenut għadda mill-għalqa tal-atturi, l-ewwel talba tkun tista' tintlaqa' limitatament in kwantu li bit-tqegħid tal-kantuni da parti tal-konvenut, il-mogħdija li kienu jgħaddu minnha l-atturi ġiet imblokkata b'mod li ingħalaq l-aċċess li kellhom għall-għalqa tagħhom, u l-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi dwar it-talbiet l-oħra.

**23.** Din il-qorti għalhekk ser teżamina l-provi (voluminużi) sabiex tara jekk jissussistux it-tielet elementi ta' spoll fid-dawl ta' dak ġia premess.

*Il-pussess:*

**24.** L-atturi appellanti ressqu numru kbir ta' xhieda biex jippruvaw li l-ħajt diviżorju li jifred ir-raba' tagħhom minn dik tal-konvenut appellat kien jintuża bħala passaġġ li minnu kienu jaċċedu għar-raba tagħhom.

**25.** Il-konvenut Nazzareno Xuereb fl-affidavit tiegħu spjega li r-raba' tagħhom (biċċa art magħrufa bħala "Ta' Nawrata") kienu xtrawha madwar għoxrin sena qabel mingħand iż-żijiet tal-mara tiegħu u permezz ta' wirt min-naħa ta' ommu. Xehed li din l-art dejjem kienet aċċessibbli minn sqaq li jinsab fi Triq il-Knisja, Għarb, liema sqaq jagħti għal ġol-għelieqi li hemm taħtu, inkluż ir-raba li kienu xtraw:

> *"…x' ħin tasal fit-tarf ta' dan is-sqaq issib l-għalqa tal-intimat Angelo Cauchi minn liema jiena u l-antenati tagħna dejjem għaddejna matul il-wisa' tal-għalqa tal-intimat Angelo Cauchi. Konna ngħaddu matul il-wisgħa ta' dina l-għalqa ta' Anglu Cauci matul il-wisgħa tagħha minn fuq passaġġ tal-kantuni, wiesgħa madwar żewġ piedi u nofs, liema passaġġ tal-kantuni jifred ukoll jew huwa diviżorju bejn l-għalqa tagħna u l-għalqa tal-intimat*."

**26.** Kompla jgħid li fit-tarf ta' dan il-passaġġ tal-kantuni "*tinżel fuq ġebla kbira, liema ġebla tagħti għal fuq rampa magħmula mit-torba li ukoll ilha hemm għal ħafna snin, liema ramba tagħti għal ġo l-istess rampa tagħna*."

**27.** Il-konvenuta Pauline Xuereb ikkonfermat il-kontenut tal-affidavit ta'

żewġha.

**28.** Victoria Cassar (li tiġi z-zija ta' Pauline Xuereb) mistosija kif kien jagħmel "Żaren" biex jgħaddi għall-għalqa tiegħu spjegat li l-ewwel irid jgħaddi minn triq, imbagħad minn passaġġ, imbagħad jgħaddi minn fuq ħajt. Spjegat li l-ħajt kien wiesgħa xi sitt piedi u li kif jispiċċa l-ħajt kien hemm tlett tarġiet imbagħad molqa żgħira li kienu jinżlu minnha għar-raba tagħhom. Qalet li kienu jgħaddu n-nies minn fuq dan il-ħajt u li hi kien ilha iktar minn għaxar snin ma tgħaddi minn hemm.

**29.** Martin Galea xehed li r-raba tal-atturi jaf fejn jinsab għax kien joqgħod hemm u telaq fl-1983. Qal li bejn ir-raba ta' fuq u r-raba t' isfel hemm m'għola sular. Ikkonferma li ġieli kien jara lill-attur jgħaddi minn fuq il-ħajt. Żied jgħid li "*Kien hemm qisha bħal rampa*."

**30.** Lisa Brookes, li twieldet l-Ingilterra u ġiet toqgħod l-Għarb meta kellha ħames snin, mistoqsija kif kienet tara lill-atturi jgħaddu għar-raba, xehdet li "*Isibu passaġġ imbagħad kien hemm ħajt mibni qisu kantuni kbar tista' timxi fuqu….Jgħaddu minn hemm u jinżlu hekk just round the corner*." Kompliet tispjega li kienu jinżlu 'l isfel għax ir-raba tagħhom kienet iktar baxxa. Mistoqsija kienx hemm xi rampa qalet "*Qisha motla, tinżel minn motla*."

**31.** Esther Mizzi xehdet li "*Konna ngħaddu minn fuq il-ħajt u ninżlu f'dik l-għalqa…Kien hemm rampa*." Spjegat li ilha nieqsa minn hemm għaliex biegħet id-dar fl-1987.

**32.** Martin Debrincat xehed li ilu joqgħod Triq il-Viżitazzjoni, Għarb mill-1970 u l-passaġġ jaf fejn hu għaliex jiġi bejn id-dar t'ommu fejn trabba, u d-dar tiegħu. "*Kont ngħaddi minn fuq il-ħajt li kien hemm imqaffel qofol, qofol…Kien imqaffel il-ħajt jiġifieri, ikollu kantun kantun, kien jidher ħajt imqaffel…Tgħaddi minn fuqu*." Qal li lill-atturi kien jarahom jgħaddu għaliex għandhom ir-raba hemmhekk.

**33.** Victor Galea, li jiġi ħu l-attriċi Pauline Xuereb xehed li hu familjiari ħafna mal-post. Huwa spjega li minn Triq il-Knisja hemm sqaq li minnu wieħed jiġi għar-riħ tar-raba Ta' Nawrata. "*…allura konna ngħaddu minn fuq iċ-ċint ta' fuq, kif ngħaddu mill-isqaq nimxu fuq dan il-ħajt, imbagħad ngħaddu minn mutla, aħna ngħidulha, minn rampa għal ġo għalqa oħra, "tal-Ħaddied" jgħidulha insomma…*"

**34.** John Vella Zarb, li missieru għandu proprjeta` l-Għarb, xehed li fiż-żmien li missieru kien qed jiskonta sentenza l-ħabs kien imur spiss fil-post tiegħu. Dwar il-passaġġ in kwistjoni, qal li jaf eżatt fejnu. Spjega li l-passaġġ jgħaddi minn fuq iċ-ċint li kien wieħed baxx. Qal li "*tgħaddi minn fuqu easy*". Lill-attur, għalkemm ma kienx jaf x' jismu, qal li kien jarah

jgħaddi minn fuqu.

**35.** Il-konvenut Angelo Cauchi xehed li xtara l-art tiegħu fl-1995 u jikkonferma li l-ħajt diviżorju ta' bejn l-art tiegħu u dik tal-atturi huwa oħxon u wiesgħa tant li wieħed jista' jimxi fuqu. Huwa pero` jiċħad li kien hemm xi rampa mill-art tiegħu għal dik tal-atturi. Jgħid li fl-2005 hu u ċertu Portelli inħarġilhom permess għall-bini: hu fuq parti mill-art tiegħu u Portelli fuq l-art tiegħu. Jispjega li saret xi rampa temporanja u li meta jispiċċaw ix-xogħlijiet din għandha titneħħa. Jgħid li sa kemm sar jaf bil-pretenzjoni tal-atturi huwa qatt ma kien ra lill-atturi jew xi ħadd minn dawk li tellgħu biex jixhdu fi ħwejġu.

**36.** MInkejja dak li jgħid il-konvenut, il-verżjoni tal-atturi hija kkorroborata minn diversi xhieda li jikkonfermaw li l-atturi kienu jużaw il-ħajt diviżorju bħala passaġġ li imbagħad minnu kienu jaċċedu għall-għalqa tagħhom. Din il-qorti rinfaċċjata b' din l-evidenza kollha hija tal-fehma li r-rekwiżit tal-"possedisse" da parti tal-atturi jirriżulta pruvat.

*L-ispoll:*

**37.** Li l-ħajt li minn fuqu kienu jgħaddu l-atturi appellanti ġie ostakolat bit-tqegħid ta' kantuni jinsab ukoll ikkonfermat, anke mill-istess konvenut appellat.

**38.** L-attur Nazzareno Xuereb xehed li "…*l-konvenut fuq il-passaġġ tal-kantuni l-antiki poġġa circa tlieta jew erba' kantuni fuq xulxin tul il-passaġġ b'tali mod u manjiera illi għalaq u imblokka permezz ta' dawn il-kantuni u anke terrapien din il-mogħdija li minnha aħna konna ngħaddu għar-raba tagħna*."

**39.** Martin Debrincat ukoll xehed li fuq il-biċċa li minnu kien jgħaddi: "*Hemmhekk għamel il-ġebel, ma nistax ngħaddi minn fuqu issa. Hemm il-ħajt għoli, ma tistax tgħaddi bħal ma kont tgħaddi*." Qal li ma jafx min għamlu l-ħajt. "*Ma nafx min għamlu. Naf li qiegħed fil-proprjeta` ta' Anglu Cauchi, imma min għamlu ma nafx*."

**40.** Il-PS 603, Censu Buhagiar xehed li meta sussegwentement għar-rapport li għamel l-attur kien mar fuq il-post, kien ra terrapien mixħut fuq il-ħajt minn fejn l-attur kien qal li jgħaddi. Mistoqsi jekk rax xi kantuni fuq il-ħajt qal "*Kien hemm xi tliet (3) filati hekk…*"

**41.** Il-konvenut Angelo Cauchi min-naħa tiegħu jgħid li huwa ma għalaq l-ebda mogħdija bil-kantuni billi ma kienx hemm ebda mogħdija li minnha l-atturi jew xi ħadd ieħor kienu jgħaddu. Pero` huwa stess jikkonferma li effettivament kien għolla l-ħajt in kwistjoni. "*Għollejtu żewġ filati*".

**42.** Fl-aċċess li inżamm fl-14 ta' Ġunju 2012 ġie indikat lill-qorti l-allegat passaġġ tal-atturi. L-attriċi kienet indikat lill-qorti li oriġinarjament il-ħajt

kellu filata waħda.

*Ix-xahrejn:*

**43.** Dwar id-data ta' meta seħħ l-att spoljattiv, l-atturi jsostnu li din kienet l-4 ta' Settembru 2007. Il-pulizija Censu Buhagiar (PS 603) xehed li fl-4 ta' Settembrui 2007 l-attur kien għamel rapport l-għassa fejn qal li sab il-mogħdija li kellu minn fuq Anglu Cauchi magħluqa. Martin Debrincat xehed li dan kien sar għall-aħħar ta' Awwissu 2007. John Vella Zarb qal li jimmaġina kien qabel is-sajf tal-2007, imbagħad qal li fl-aħħar tal-2007, pero` spjega li dan kien biss "*an educated guess*" imma ma kienx ċert. Il-konvenut Angelo Cauchi mistoqsi jekk ix-xogħol li hemm il-kawża odjerna fuqu, u cioe` il-bini tal-filati, kienx sar fl-4 ta' Settembru 2007 wieġeb "*Ma nafx meta sar jien*". L-anqas is-sena, jew jekk kienx fis-sajf jew fix-xitwa ma kien jaf.

**44.** In vista tal-provi tal-atturi f'dan ir-rigward, din il-qorti hija sodisfatta li l-kawża odjerna, li ġiet intavolata fl-10 ta' Settembru 2007, ġiet fil-fatt intavolata *entro termine*.

**45.** Tenut kont li l-elementi kollha ta' spoll ġew pruvati skont il-liġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li fil-parti kbira tagħhom huma irrilevanti għall-finijiet ta' din l-azzjoni possessorja, huma infondati u qiegħdin jiġu miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-aggravju tal-atturi huwa fondat u għalhekk il-Qorti qiegħda tilqa' dan l-appell billi tirrevoka is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u :

(1) Tilqa' l-ewwel talba limitatament in kwantu qegħda tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi meta huwa, mingħajr il-kunsens tal-atturi, għalaq u imblokka permezz ta' kantuni il-mogħdija li minnha huma kienu jgħaddu għall-għalqa tagħhom "Ta' Nawrata" li qegħda fil-limiti tal-Għarb, Għawdex, b'tali mod u manjiera li għalqilhom l-aċċess għal din l-għalqa tagħhom;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien ġimgħatejn mid-data tas-sentenza jispurga l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess billi jerġa' jpoġġi kollox fl-istat prestinu tiegħu u dana a spejjeż tiegħu, taħt id-direzzjoni tal-perit AIC Stephen Mangion.

(3) Tiċħad it-tielet talba fejn qed jintalab li jekk ir-reintegrazzjoni kompleta tal-ispoll kommess mill-konvenut mhux possibbli, huwa jiġi kkundannat iħallas somma flus in linea ta' ħsarat, u dan in vista tal-fatt li ma tressqux provi f'dan is-sens.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu kwantu għal sehem minn sitta ($^{1}/_{6}$) mill-atturi appellanti soldalment bejniethom u ħames ishma minn sitta ($^{5}/_{6}$) mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------